MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 149/2012

**Dr. Jeremy Debono LL.D. bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera, ta' nazzjonalita' Taljana, TARO PLAST S.P.A, bl-ufficju registrat**
**Strada Diolo 57/A, 43019 Soragna (PR), IT00578740342**

**vs**

**Ketek International Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tal-14 ta' Frar 2012 li jghid hekk:

1. Illi l-esponenti huwa debitament awtorizzat sabiex jistitwixxi l-proceduri odjerni, u dan in forza ta' mandat moghti lilu mis-socjeta estera Taro Plast S.p.A (kopja tal-prokura relattiva hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. A');

2. Illi s-socjeta attrici bieghet u kkonsenjat numru ta' lottijiet ta' merkanzija lis-socjeta konvenuta fuq inkarigu u skond l-istruzzjonijiet taghha stess, il-valur ta' liema kunsinni jammonta ghal tletin elf, tliet mija u sebghin ewro (€30,370.00), u dan kif dettaljat fir-rendikont hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. B' u mill-fatturi u attestazzjonijiet ta' garr relattivi, hawn annessi u mmarkati rispettivament bhala 'Dok. Cl' u 'Dok. C2' sa 'Dok. H1' u 'Dok. H2';

3. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet, kemm verbali u kemm bl-iskritt, sabiex tissalda l-pretensjoni tas-socjeta attrici, is-socjeta konvenuta halliet it-terminu koncess lilha jiskorri inutilment u, ghaldaqstant, id-debiti minnha assunti ghadhom dovuti fl-intier taghhom sal-gurnata tal-lum;

4. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

5. Illi d-dejn komplessiv dovut mis-socjeta konvenuta huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta attrici, is-socjeta konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti ghat-talbiet taghha:

6. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha mehtiega mil-ligi skond l-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din l-Onorabbli Qorti tghaddi sabiex tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh:

7. Illi l-esponenti jaf dawn il-fatti personalment;

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-artikolu 167 et seq tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi s-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fl-ammont ta' tletin elf, tliet mija u sebghin ewro (€30,370.00) rapprezentanti numru ta' lottijiet ta' merkanzija kkunsinnati lis-socjeta konvenuta fuq inkarigu u skond l-istruzzjonijiet taghha stess, u dan, oltre l-

imghaxijiet legali illi bdew jiddekorru mill-31 ta' Mejju, 2010, cioe d-data tal-ewwel fattura ('Dok. Cl');

3. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' tletin elf, tliet mija u sebghin ewro (€30,370.00) in konsegwenza tal-akkoljiment tat-tieni talba;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-30 ta' Mejju, 2010, sad-data tal-eventwali pagament effettiv, u bl-ingunzjoni ta' rapprezentant debitament awtorizzat mis-socjeta konvenuta ghas-subbizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tal-attur nomine;

Rat li s-socjeta konvenuta debitament notifikata fil-5 ta' Marzu 2012 ma dehritx ghas-seduti tat-13 ta' Marzu 2012 u tal-20 ta' Marzu 2012 u lanqas ipprezentat risposta;

Semghet ix-xhieda ta' Dr. Andre Portelli li kkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont pretiz mis-socjeta attrici ghadu kollu dovut kif mitlub billi ma thallas ebda parti minnu;

**Decide**

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talbiet attrici jidhru gustifikati, il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' tletin elf tlett mija u sebghin ewro (€30,370.00), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kollha kif mitluba sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------